# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 9**

**Rikors Numru 1393/2023**

**Joseph Psaila (K.I. 456889M)**
**vs**
**Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Joseph Psaila (L-Attur) tas-7 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

> Peress illi, l-attur ghandu polza tal-assigurazzjoni vigenti mas-socjeta konvenuta u cioe il-vettura *Toyota CGY 092* u kellhu vettura ohra *Peugeot ELY 192* assigurata mas-socjeta konvenuta liema polza hija skaduta.
>
> Peress illi, s-socjeta konvenuta qed tirrifjuta li ggeddidlu il-polza tal-assigurazzjoni fuq il-Peugeot u li qed tinfurmah li meta tghalaq il-polza tal-assigurazzjoni fuq it-*Toyota CGY 092* mhux ser iggeddidlu din il-polza.
> Peress illi, dan kollhu qed isir presubiment ghas-semplici mer fatt li hu rregistra claim mal-istess socjeta.

Peress illi, l-attur jikkontendi li din is-socjeta marret oltre minn hekk u ghamlitu blacklisted mas-socjetajiet tal-assigurazzjoni kollha b` taghli mod li hu ma jistax jassigura l-vetturi tieghu u per konsegwenza ma` jistax juzahom.

Peress illi, r-rikorrent ghandu licenzja biex isuq bil- Y plate bhala taxi driver kopja ta` liema document qed jigi ezebit bhala DOK AB1.

Peress illi, minhabba dan l-agir abbuziv tas-socjeta assiguratrici, r-rikorrrent qed isofri danni konsiderevoli.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din Onorabli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara li minhabba l-agir abbusiv da parte tas-socjeta konvenuta r-rikorrent qed isofri danni konsidervoli.
2. Tillikwida d-danni sofferti u li qed isofri l-attur.
3. Tikkundana s-socjeta konvenuta thallas s-somma hekk likwidata lil attur bl-imaxx.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Argus Insurance Company (Europe) Ltd (is-Soċjeta' konvenuta) tal-24 ta' Jannar 2024 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi mhuwiex kontestat illi s-soċjeta' intimata kienet ħarġet żewġ poloz t'assigurazzjoni favur ir-rikorrenti – waħda li kienet tkopri l-użu tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ELY 192 tal-għamla Peugeot u l-oħra li għadha tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CGY 092 tal-għamla Toyota.

2. Illi mhuwiex lanqas kontestat illi meta skadiet il-polza illi kienet tkopri l-użu tal-vettura ELY 192, is-soċjeta' intimata għażlet, kif kellha kull dritt illi tagħmel, illi ma ġġeddidx il-polza. Huwa ukoll mhux kontestat illi r-rikorrenti diġa ġie infurmat illi meta l-polza li tkopri l-użu tal-vettura CGY 092 ser tiskadi, is-soċjeta' intimata mhijiex ser iġġedded din il-polza.
3. Illi s-soċjeta' rikorrenti, bħala operatur f'suq ħieles, għandha kull dritt illi tagħżel liema riskji ser tkopri bħala soċjeta' assigurativa u liema klijenti taċċetta. Illi ma hemm ebda obbligu la legali u lanqas kuntrattwali illi soċjeta' assigurattiva ġġedded polza assigurativa li tkun ħarġet meta din tiskadi u għaldaqstant, l-azzjoni tar-rikorrenti hija bla ebda bażi legali.

4. Illi lanqas ma hemm obbligu legali jew kuntrattwali illi s-soċjeta' assigurattiva tipprovdi raġunijiet rigward id-deċiżjoni tagħha li

tirrifjuta illi ġġedded polza assigurattiva. Illi mingħajr preġudizzju għal dan, in-numru u t-tip ta' 'claims' li jkunu jsaru huma fattur illi jittieħed in konsiderazzjoni biex is-soċjeta' assigurattiva tasal għal din id-deċiżjoni. Fil-każ preżenti fattur imporanti kienet l-imġieba abbużiva, agressiva u intolerabli tal-listess rikorrenti lejn impjegati u persuni oħra relatati man-negożju tas-soċjeta' intimata li wera l-istess rikorrenti.

5. Illi qed jiġi ukoll ikkonestat illi s-soċjeta' għamlet xi 'blacklisting' mas-soċjetajiet assigurattivi oħra. Din hija alleggazzjoni bla bażi u fiergħa oħra tar-rikorrenti.

6. Illi qed jiġi kontestat illi s-soċjeta' intimata wettqet xi aġir abbużiv fil-konfront tar-rikorrenti. Is-soċjeta' intimata eżerċitat dritt illi hija kellha li tagħżel illi ma ġġeddidx polza li kienet ħarġet u ma hemm ebda raġuni għalfejn din għandha twieġeb għal kwalunkwe danni allegatament sofferti mir-rikorrenti minħabba din id-deċiżjoni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-Atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-kors tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' fatti

L-Attur huwa jew kien propjetarju ta' żewġ vetturi waħda tal-marka Toyota bin-numru CGY 092 u oħra tal-marka Peugeot bin-numru ELY 192. L-Attur kien jagħmel użu minnhom għal ġarr ta' passiġieri u ż-żewġ vetturi, it-tnejn li huma kienu assigurati mas-Soċjeta' Konvenuta qua soċjeta'assigurattriċi. Fil-mument li saret il-Kawża s-Soċjeta' konvenuta ma riditx tassigura aktar l-vettura tal-marka Toyota u nfurmat ukoll lill-Attur li kwantu għall-vettura l-oħra tal-marka Peugeot ma kinitx ser iġġedded il-polza ta' assigurazzjoni tagħha.

L-Attur isostni, li s-Soċjeta' konvenuta poġġietu fuq *black list*, b'dana li għamlitlu isem ħażin fis-suq biex issa ħadd mis-Soċjetajiet assigurattriċi l-oħra ma jridu joħorġulu polza ta' assigurazzjoni. Il-konsegwenza hija, li minkejja li għandu liċenzja ta' Y-Plate bħala sewwieq tat-*taxi*, hu spiċċa ma setax jaħdem bil-vetturi tiegħu għaliex baqgħu mhux koperti minn polza ta' assigurazzjoni. Minħabba f'hekk huwa sofra danni u li skond l-attur għandha tagħmel tajjeb għalihom is-Soċjeta' Konvenuta minħabba l-aġir abbużiv tagħha.

**Punti ta' Liġi**

L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħaddieħor b'għemilha.

Fir-rigward ta' dawn l-artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "*Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara*." (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

B'din il-Kawża l-Attur qiegħed jipproponi l-azzjoni aquiliana u ċioe' l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Għalhekk irid dejjem jiġi pprovat, u dan sta għall-Attur li jagħmel din il-prova, li jeżisti dak li jissejjaħ in-ness jew rabta tad-danni intrinsikament marbuta mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed

anke jingħad fid-dawl tal-fatt li "*Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar responsabilita' ċivili.*" (Ara **Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jingħad, li huwa indubitat id-dritt tas-Soċjeta' konvenuta li tagħżel liema riskji tkopri bħala Soċjeta' assigurattriċi u li għalhekk ma għandha ebda obbligu li ġġedded il-polza tal-Attur. Dan anke kif jgħid Adrian Pace, l-intermedjarju li kien jaqdi lill-Attur għas-Soċjeta' konvenuta. li "*is-Socjeta' konvenuta ma hiex hemm biex titlef ix-xogħol pero' l-anqas biex jittiehdu riskji għomja*" (a' fol 38 tergo).

Meta l-Attur mar għand *insurances* oħrajn, dawn ukoll bdew jirrifjutawħ. Ir-raġuni prinċipali dejjem kienet li vetturi bil-Y-Plates iġibu riskju ħafna aktar għoli minn vetturi privati minħabba n-natura tax-xogħol li jwettqu.

Jessica Micallef Tanti għal Elmo Insurance Ltd tgħid li ma assigurawx il-vetturi ta' l-Attur għaliex, wara li saret evalwazzjoni tar-riskju, ir-riskju involut ma kienx jaqa' fir-*risk appetite* tal-Kumpanija (a' fol 20). Meta mitluba x'kien dan ir-*risk appetite* qalet għaliex vettura privata meta paragunata

ma' waħda kummerċjali hemm riskju involut fiha għaliex il-probbabilita' hija akbar (a' fol 21). Kważi għall-istess raġuni, Joe Cortis għal Atlas Insurance jgħid li jassiguraw dawk il-Y-Plates <u>ta' dawk is-sidien li jridu jżidu mal-flotta tagħhom</u>. Imma r-riskju li jġorru l-Y-Plates huwa kbir, enormi. Għalhekk

riskji ġodda ma humiex qed ikunu assigurati minn din is-Soċjeta' assiguratriċi (a' fol 22 tal-Qorti).

Bl-istess mod Dr. Louis Bianchi, għas-Soċjeta' Konvenuta xehed, li s-Soċjeta' Konvenuta ddeċidiet li ma tassigurax aktar Karrozzi Y-Plate. Y-Plates huma dawk li qegħdin *24hrs on call* bħal *Bolt* u *Uber*. (a' fol 18). Pero' Adrian Pace, intermedjarju tas-Soċjeta' konvenuta jgħid li l-White plates qed ikunu assigurati imma "*Ma nilqgħuhomx b'idejna miftuhin għax claims intensive hafna pero' għadna naccetawhom*". (a' fol 34 u 35).

Issa l-Qorti trid tagħmilha ċara li f'Kawża bħal din, hemm żewġ istanzi li għandhom jinżammu distinti u separati minn xulxin. Id-dritt ta' Soċjeta' Assigurattriċi li tittermina r-relazzjoni minn ma' klijent kif fuq spjegat, u l-obbligu li ma tagħmilx ħsara lill-klijent ma' Soċjetajiet assiguratriċi oħrajn, salv għal dik il-minimu ta' informazzjoni li tista' tagħti meta jsiru l-kontrolli bejn dawn ix-xorta ta' kumpaniji. Korrollarju ma' tal-aħħar, huwa l-obbligu tal-assigurat li joqgħod mal-kundizzjonijet tal-polza u d-dritt tiegħu li jkun imħares minn xkiel li jottjeni assigurazzjoni tal-vetturi tiegħu. Persuna li għandha liċenzja ta' vettura ma tiswa xejn jekk ma tkunx koperta b'polza ta' assigurazzjoni (Ara Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti tibda biex tosserva li bejn l-Attur u s-Soċjeta' Konvenuta kien hemm problema akuta ta' relazzjoni umana. Jidher li l-Attur kien persuna problematika. Meta l-Attur ried li jkollu koperta *comprehensive* u l-intermedjarju Adrian Pace infurmah li kellu bżonn jagħmel stima b'surveyor, Walter Vella, is-surveyor ċempillu u qallu li kellu *clash* ma' l-

Attur minħabba l-valutazzjoni. Adrian Pace jgħid ukoll li kien hemm żewġ jew tliet *clashes* mal-*claims department* tal-Argus u minħabba f'hekk iddeċidew li ma jġeddulux. (a' fol 33).

Il-problema li kellu l-Attur mas-Soċjeta' konvenuta kienet tikkonsisti fil-fatt li kull *claim* li beda jagħmel kienet qed tkun miċħuda u saħansitra ħadha qatta bla ħabel kontra l-avukati tas-Soċjeta' konvenuta u saħansitra kontra arbitru li wieħed mill-każijiet qatgħu kontra tiegħu. Bħal donnu daħal fi stat mentali li kulħadd kien kontra tiegħu, anke l-*insurance* tiegħu.

Bħala prova ġew esebiti numru ta' emails: Email ta' Reuben Attard, impjegat tas-Soċjeta' konvenuta tgħid hekk : "*Kindly note that Mr. Joseph Psaila was utterly and disgustingly arrogant to all my colleagues, especially towards within the claim department. On several occasions Mr. Psaila showed the wish to self-harm and that he finds no difficulty to physically fight those who oppose his pretentious ideas."* Din l-email kienet ikkupjata lil għadd ta' nies (a' fol 40). Email oħra mingħand Amy Cachia, impjegata tas-Soċjeta' konvenuta indirizzata lil Adrian Pace, l-intermedjarju, infurmatu hekk: "*Kindly put Mr. Joseph Psaila on caution list, He has come to our office various times and does not seem to be a reliable person. He threatens that he shall hurt. Injure other people, like our lawyers and the arbiter for example, when they do not agree with him. He doesn't seem to be a stable person"* (a' fol 41). Hemm ukoll ammont ta' emails oħrajn fejn ingħataw struzzjonijiet fost oħrajn lir-*receptionists* biex ma jippermettux lill-

Attur jidħol fil-bini tas-Soċjeta' Konvenuta (ara a' fol 116 sa 122 ara wkoll xhieda ta' Airell Costantino a' fol 124).

Amy Cachia, *team leader* tal-*personal lines*, tgħid li kien jhedded li jekk ma tgħaddiex tiegħu ser ineħħi ħajtu (a' fol 48 tergo). Ħadd ma ried li jkollu x'jaqsam miegħu minħabba l-atteġjament tiegħu u l-affarijiet li beda jgħid magħhom (a' fol 49). Fil-waqt li John Camilleri, li jieħu ħsieb id-dipartiment tal-*motor claims* jgħid kif Ruben Attard kien irraportalu li fil-każ tal-Attur dan ġie b'ħafna theddid dirett kemm lejn l-impjegati tal-kumpanija u anke lejh inniffsu (a' fol 111 tergo).

Di fatti, Ruben Attard huwa, fil-fehma tal-Qorti, xhud mill-aktar importanti fil-każ. Din kienet il-persuna, li ħadet ħsieb il-*claims* li għamel l-Attur. Dan jirrakonta kif l-Attur qallu biex jiftaħlu l-kaptelli b'referenza għall-qabar. Dan jirrakonta kif l-Attur beda jgħolli leħnu u fost oħrajn jgħid *"... għax l-avukat tagħkom lili fottieni u meta urieni r-ritratt ma kienx riratt tal-avukat kien ritratt tas-surveyor tagħna Walter, sadanittant meta jiena bdejt ngħidlu li dan mhux tort tagħna għaliex l-arbitraġġ mhux ahna naqtgħuh, qalli x'jigifieri mhux tort tagħkom? Qalli għax jiena gbajt hawn gew dejjem kontrija ... għolla lehnu u anke tkellem hazin*" (a' fol 128). Dan jirrakonta dwar kif baqa' jċempel u jgħid li s-Soċjeta' konvenuta għandha tort.

Fl-affidavit tiegħu l-Attur jiċħad li hedded lill-impjegati tas-Soċjeta' konvenuta (a' fol 55). Jgħid li anke kumpaniji assiguratriċi oħrajn ma riedux jassigurawh u qalulu li kien *blacklisted* (a' fol 56). L-Attur jgħid "*Li kieku Argus ma għamlulhiex il-black listing jien kont inkompli nassigura l-karozzi*

*tiegħi kif kont nagħmel qabel u kont nibqa' nahdem bil-karrozzi kif kont nagħmel. Jien kelli nieqaf u waqaft biss minhabba illi l-Argus għamluhieli impossibbli li inkompli nahdem.*" (a' fol 56).

Il-Qorti temmen li dan kollu ġabu fuqu l-Attur għaliex il-komportament tiegħu ma kienx wieħed ċivili. Imma xorta jibqa' l-fatt li jrid jkun eżaminat dak li qed jallega l-Attur, li s-Soċjeta' konvenuta tefgħetu fuq *blacklist* li saru jafu biha l-Kumpaniji assikurattriċi oħrajn biex għalhekk l-Attur sab il-bibien kollha magħluqa, b'liċenzja tas-sewqan pero' mingħajr ma jistax isuq għaliex ħadd ma ried jassiguraħ minħabba l-inċidenti li kellu mas-Soċjeta' konvenuta.

Il-Qorti tagħmel dawn is-sett ta' osservazzjonijiet.

A. Li minkejja li Dr. Louis Bianchi għas-Soċjeta' Konvenuta jgħid li l-vetturi, bħal dawk ta' l-Attur, ma kinux qed ikunu assigurati għaliex huma ta' riskju kbir, min-naħa l-oħra, pero' Adrian Pace, intermedjarju tas-Soċjeta' konvenuta jgħid li l-White plates qed ikunu assigurati imma "*Ma nilqgħuhomx b'idejna miftuhim għax claims intensive hafna pero' għadna naccetawhom*". (a' fol 34 u 35).

B. Ruben Attard, l-awtur ta' waħda mill-ittri fejn jallega li "*On several occasions Mr. Psaila showed the wish to self-harm and that he finds no difficulty to physically fight those who oppose his pretentious idea*" (ara supra) fix-xhieda tiegħu fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienx hemm theddid jgħid "*Theddid dirett lejja li lili ha jsabbatni jew jifqgħani le,*

*dirett lejja, imma theddid li xeba' mill-post fhimt u jara x'ha jagħmel biex jinqeda iva*" (a' fol 128 tergo). Hekk ukoll Amy Cachia, team leader infurmat lil Adrian Pace li l-Attur *"... threatens that he shall hurt. Injure other people, like our lawyers and the arbiter for example, when they do not agree with him. He doesn't seem to be a stable person".* Il-Qorti jidhrilha li għalkemm l-Attur ma kien xejn ċivili, ma jidhirx li dak li kien qed ikun addebitat bih tassew seħħ, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Reuben Attard. Li tgħid li ma taqbilx mad-deċiżjonijiet tal-avukati jew tal-arbitru hija ħaġa leġittima anke jekk tgħid dan il-kliem b'mod inċivili. Semmai l-attitudni tal-klijent hija raġuni leġittima li ma jibqax iġġorru bħala assigurat, iżda minn imkien ma jirriżulta li sar ix-xorta ta' theddid imsemmi f'dawk l-ittri. Jekk tassew kien hemm lejn oħrajn dawn qatt ma tressqu bħala xhieda.

C. L-ittra li bagħat Reuben Attard ġiet ċirkolata ma' numru ta' persuni li l-Qorti ma tafx jekk humiex kollha dipendenti tas-Soċjeta' konvenuta, iżda l-Qorti qed tassumi li kienu. (a' fol 40). Iżda waħda mill-ittri tassew kienet ikkuppjata lill-intermedjarju ta' Global Insurance Brokers (ara a' fol 59).

D. Amy Cachia mitluba tgħid lil min intbagħtu dawn l-emails tispjega internament u lil xi *brokers* u intermedjarji li kellhom x'jaqsmu mas-Sur Psaila. Meta għal darba oħra mitluba tgħid min kienu dawn il-*brokers* u intermedjarji oħrajn hi wieġbet "Jaħdmu ma' insurances ohrajn ukoll u ġja kellhom x'jaqsmu mas-Sur Psaila bħal biex

nifthemu aħna Global Insurance <u>dawk li kienu ġja offrewlu s-servizz</u>". (a' fol 49).

E. Illi għalkemm jingħad li *blacklisting* ma jeżisitix u għalhekk jingħad li *caution list* hija biss għall-konsum intern tas-Soċjeta' konvenuta u mhux biex tkun ċirkolata. Għalkemm Amy Cachia b'referenza għall-*leakages* ta' ittri bħal dawn "*Considering Data Protection we hope not."* Jirriżulta iswed fuq l-abjad pero' li dak li kellu jkun għall-konsum intern intbagħat ukoll lil Global Insurance Broker u dan għaliex fi kliem l-imsemmija "*dawk kienu diga' offrewlu servizz"* ergo bl-iskop biex ma jerġgħux joffruhulu. (ara fol 49).

F. Fost dawk li xehdu kien hemm rappresentant tal-Mapfre. Din tikkonferma dak li xehed Adrian Pace, li din is-Soċjeta' waħda mill-ftit li tassigura Y-Plates. Din tgħid li ma assigurawx lill-Attur għaliex ma kellux *business* ieħor inxurjat ma' din is-Soċjeta (a' fol 19). Dan ma hux minnu sa l-aħħar, għaliex ma' din is-Soċjeta' għad għandu *Loan Protection Plan Quotation*. Din tikkonsisti f'assigurazzjoni ta' self li l-Attur għandu mal-Bank of Valleta, titħallas kollha jekk xi ħadd mill-applikanti, l-Attur u ċertu Vivian Bellizzi jiġu neqsin qabel ma titħallas il-Loan. Din saret fit-12 ta' Ottubru 2019 u għall-perjodu ta' 22 sena (a' fol 103).

Meta wieħed jikkonsidra li l-kopertura b'polza ta' assigurazzjoni hija *sine qua non* taħt il-Liġi [ara Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta], għalkemm huwa minnu li s-Soċjeta' assiguratriċi għandha kull dritt li ma tkoprix, dan trid

tagħmlu b'ċertu ċirkospezzjoni. Sewwieq ma għandux jiġi f'posizzjoni li ma jkunx jista' jsuq, għaliex għalkemm għandu liċenzja tas-sewqan ma hux kopert. L-obbligu ta' Soċjeta' assiguratriċi li ma tiżvelax ir-raġuni għar-rifjut huwa akbar, meta s-sewwieq inkwistjoni ikun jeħtieġlu li jsuq minħabba l-kummerċ tiegħu għaliex hawn ikun hemm fin-nofs l-għixien tal-persuna inkwistjoni.

Il-Qorti qed tagħmel referenza biss għal raġunijiet li tassew ikun jistħoqqilhom jibqgħu biss fil-pussess tas-Soċjeta' meta dawn ikunu partikulari bejn il-konsumatur u s-Soċjeta' inkwistjoni, f'dan il-każ l-atteġjament xejn ċivili tal-Attur. Dan għaliex fil-waqt li mas-Soċjeta' konvenuta l-Attur ġab ruħu b'dan il-mod, ma jkunx ifisser li ser jagħmel l-istess ma' Soċjetajiet oħrajn. Anke kieku kellu jġib ruħu b'dan il-mod, huwa dejjem fid-diskrezzjoni ta' dik is-Soċjeta' x'passi għandha tieħu fost oħrajn li tittermina l-polza.

Dan ir-raġunament ovvjament ma japplikax meta l-persuna tkun diffikultuża jew rikalċintarti fil-ħlas tal-premia, jew għaliex il-persuna jkollha kondotta refrettarja ta' każijiet kriminali ta' sewqan, għaliex hawn *imputet sibi*. Li Soċjeta' assiguratiċi tagħti din l-informazzjoni meta tkun mitluba ma hija xejn illegali. Di fatti tul din il-Kawża bosta huma dawk li xehedu f'dan ir-rigward (ara fost oħrajn xhieda ta' Adrian Pace a' fol 38).

Il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi li għandha quddiemha. Ma jirriżultalhiex li kien hemm xi *blacklisting* ufficjali. B'dan kollu ma jfissirx li ma kienx hemm xi xorta ta' għemil da parti tas-Soċjeta' assigurattriċi li jammonta għal

daqshekk, anke jekk mhux uffiċjali. Huwa propju għalhekk li din il-Qorti elenkat il-punti fuq imsemmija.

Mix-xhieda stess ta' Amy Cachia l-emails fuq imsemmija intbagħtu lil xi *brokers* u intermedjarji li kellhom x'jaqsmu mas-Sur Psaila fost oħrajn lill-*Broker* tal-Global Insurance. Dan jirriżulta anke minn waħda mill-emails li ġiet ikkupjata lil dan il-*broker*. Issa kif anke jixhed l-istess Adrian Pace "*broker jista' jipplejsja l-business kif irid*" (a' fol 37). Dan ifisser għalhekk, li kif din l-email ġiet f'idejn il-*Broker* ta' Global, li ma kellu x'jaqsam xejn mal-każ, hemm possibilita' l-aħbar infirxet mal-istake holders fis-suq. Di fatti għalkemm tal-Mapfre xehdu li ma ħarġux polza lill-Attur għaliex ma kellux "*other business*" magħhom, dan ma kienx minnu għaliex fil-fatt kellu loan mal-Bank of Valletta assigurata. Il-Qorti temmen li din is-Soċjeta' sabet skuża biex ma toħroġx polza lill-Attur għaliex ġriet l-aħbar li ma kienx affidabbli.

Issa l-ġudikant hu fl-obbligu li jiddeċiedi *iuxta allegata et probata* u fuq ir-riżultanzi fattwalment provati. Il-Qrati jgħallmu li "*Fil-kamp civili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m'huwiex dak jekk il gudikant jemminix l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc ta' probabbiltajiet, sostratt baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti għall-konvinciment. Għax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak*

*li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta mingħajr ma thalli dubju ragjonevoli*" (Ara **Sentenza tal-PA fl-ismijiet George Bugeja -vs- Joseph Meilak, deċiża 30 ta' Ottubru 2003**).

Għalhekk fid-dawl ta' dan il-prinċipju, din il-Qorti hija tal-konvinċiment morali li s-Soċjeta' konvenuta, uriet imprudenza meta ħalliet li l-informazzjoni dwar l-attur kif fuq spjegat b'xi mod taqa' f'idejn l-operaturi fis-suq bil-konsegwenza li l-Attur sofra d-danni. Min-naħa l-oħra l-anqas ma din il-Qorti tinsa li, li kieku l-Attur ġab ruħu b'mod ċivili fil-konfront tas-Soċjeta' dan kollu ma kienx iseħħ. Għalhekk parti mill-ħtija jrid iġorrha hu wkoll, liema fatt ser jirrifletti ruħu fil-kwantum tad-danni li ser ikunu likwidati u dan kif anke jiddisponi l-artikolu 1054 tal-kodiċi Ċivili.

<u>*Id-danni*</u>

Il-Qorti rat kif ġew ikkalkolati d-danni mill-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. Il-Qorti jidhrilha li l-aħjar prova kellha tkun l-FS3 tat-taxxa. Għal din il-Qorti d-dokumenti esebiti ma humiex l-aħjar prova li kellu jipproduċi l-Attur u dan kif wara kollox tesiġi l-liġi. Ma kien hemm xejn xi jżommu milli jħarrek rappresentant tat-Taxxi interni.

Għalkemm l-awturi jirrikonoxxu "*Whilst an employed person claimant can point to the wage slips and an employment record of a claim for loss of earnings, a self employed person has more difficulty. The claimant may consider that they have lost earnings but finds it difficult to show why or to quantify loss"* (Ara **Munkman, On Damages for Pewrsonal Injuries and Death, Ed 12th. Lexis Nexis. Pg 107**). Imma din il-Qorti temmen li kemm

jekk *self employed* u anke jekk le, l-aħjar prova huma l-ammonti dikjarati mal-fisku għaliex, li kieku l-Qorti kellha taċċetta mod ieħor tkun qed taġevola lil min irid jiskarta t-taxxa meta jonqos li jiddikjara kull ma jaqla'.

B'dan kollu ma jfissirx li din il-Qorti mhux ser tillikwida somma ta' danni. Li l-Attur ċertment għamel telf huwa minnu. Għalhekk, ser ikunu applikati l-prinċipji tal-ġustizzja ekwitattiva u ser tillikwida s-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000) tenut kont f'din is-somma l-kontribuzzjoni tiegħu għall-episodju li wassal għal dan kollu kif fuq spjegat.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** bil-mod kif spjegat aktar 'l fuq.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** billi tillikwida s-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000) rappresentanti danni sofferti mill-Attur u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**